# PAPIET TAS-SEKLU 14

PAPA KLEMENT V (1305 – 1314)




Meta Klement kien fi triqtu ghal l-inkoronazzjoni solenni, waqa' hajt fuqu u fuq dawk li kienu jakkumpanjawh. Huwa waqa' minn fuq iz-ziemel u t-tjara taret minn fuq rasu. Meta nstabet kellha l-aktar gojjel prezzjuz nieqes. Wara l-mewt ta' Benedittu l-kardinali thabtu fuq li thabtu kontra l-interessi ta' l-Orsini u ta' Colonna. Fl-ahhar waslu ghall-kompromess u ghazlu lill-kandidat Bertrand de Got. Meta saret l-ghazla Bertrand ma kienx

prezenti billi kien qed izur id-djocesi tieghu ta' Bordeaux. Huwa accetta u ha l-isem ta' Klement V u sejjah il-kardinali biex imorru Lyons billi kien f'dan il-post fejn hu ried li jigi nkurunat papa. Twieled gewwa Villadraut fil-Gasconja fis-sena 1264 u targa targa wasal fil-grad ta' papa. Minkejja li kien habib tar-re Filippu huwa kien leali lejn Bonifacju VIII fil-glieda tieghu mal-monarka franciz. Naturalment huwa laqa' bil-ferh l-ghazla ta' Bertrand u gedded il-hbiberija taghhom.



Billi f'Ruma kien ghad hemm l-inkwiet Klement ghazel li jwaqqaf il-qorti u l-ufficini papali tieghu gewwa Avignon halli jevita il-glied ta' Ruma. Dan kien iz-zmien tas-sena 1309. Avignon f'dawk iz-zminijiet ma kienitx tappartieni lil Franza izda lir-renju ta' Napli. Klement xtara l-belt li kienet imdawra kwazi kollha b'territorju papali. U hekk beda' l-ezilju tal-papat gewwa Avignon li dam sas-sena 1378 hlief ghal xi interruzzjoni zghira. U fil-waqt li kienu jezercitaw is-setgha taghhom minn din il-belt, il-papiet kienu jikkontrollaw lir-Ruma bis-sahha tal-vigarji taghhom.

Ir-re Filippu kien jaf li Klement V kien jibza' minnu. Ried li Klement jikkundanna lill-papa ta' qablu Bonifacju VIII bhala eretiku. Sfurzah li jibda'  il-process izda l-papa kien dejjem

jittrateni sakemm Filippu qata' qalbu u qallu biex jinsa' kollox. Issa r-re tefa' ghajnejh fuq l-ordni tal-Kavallieri tat-Templari li kienet ordni li kellha hafna gid. Il-Papa iddikjara li Bonifacju kien innocent u sejjah koncilju generali fis-sena 1611 gewwa Vienne.

L-ordni tat-Templari tilfet kull krettu u prestigju bil-waqa' tal-krucjati taghhom fis-sena 1291. Il-gid li kellhom kien tentazzjoni ghar-re ta' Franza hekk li hatifilhom bosta mill-gid taghhom wara li ghaddihom mill-inkwisizzjoni li akkuzathom b'kull xorta ta' azzjoni hazina. Klement issoppressa l-ordni ghalkemm ma kienx konvint b'dak li kien qed jara u jisma' ghax fehem li l-istqarrijiet tal-kavallieri ma' kellhomx valur billi dawn staqarruhom taht it-torturi. Izda Klement ma ikkundannhomx. Il-propjeta' taghhom kellha tmur ghand il-kavallieri ta' San Gwann, ghalkemm ir re Filippu ha parti gmielha minnha.

Klement kien kanonista mill-aqwa u bniedem b'interessi edukattivi hafna. Kien generuz man-nies tal-familja tieghu u ma tantx kellu dixxiplina ma' l-ufficjali tal-qorti tieghu. Holoq numru kbir ta' kardinali francizi u meta miet fis-sena 1314, f'April 20, l-influwenza franciz fil-qorti papali kienet kbira.